MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1013/2005

**Dottor Antoine Cremona ( ID No. 11980 (G) ) bhala mandatarju Specjali tad-ditta estera ta' Avukati 'Kyriakides Georgopoulos'**

**Vs**

**Hal-Mann Industries Limited (C8028) u Dr. James Muscat Azzopardi**
**u Dr. Godwin Muscat Azzopardi bhala socji u ghan-nom tad-ditta ta' avukati Muscat Azzopardi and Associates Advocates**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur nomine talab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' elf u disgha u sebghin lira Maltin (Lm1,079) bl-interessi u bl-ispejjez

rapprezentanti somma dovuta mill-konvenuti lill-attur fi kwalita' tieghu premessa li tirrapprezenta l-ammont totali ta' mizati legali fir-rigward tar-rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta Hal-Mann Industries Limited quddiem Qrati tal-Grecja fuq inkarigu ta' l-avukati konvenuti.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati ma pprezentawx Risposta.

Ra li ghall-bidu l-partijiet kienu ser jitransigu izda tali transazzjoni ma sehhitx.

Sema' x-xhieda ta' Dr Antoine Cremona.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi d-ditta estera ta' avukati Kyriakides Georgopoulos kienu gew inkarigati biex jirrapprezentaw lil Hal-Mann Industries Limited fi proceduri legali li kienu miexjin il-Grecja liema servizzi gew mitluba tramite l-avukati konvenuti.

M'hemm l-ebda kontestazzjoni dwar l-ammont mitlub u ghalhekk bhala tali din tirrizulta debitament ippruvata anki in vista tax-xhieda ta' Dr Antoine Cremona.

Fic-cirkostanzi, pero' t-Tribunal ihoss illi r-responsabbilta' tal-hlas hija tal-klijent jigifieri ta' Hal-Mann Industries Limited u mhux ta' l-avukati jigifieri mhux ta' l-avukati Muscat Azzopardi. Ma jirrizultax li l-istess avukati qatt accettaw personalment li jaghmlu tajjeb ghad-drittijiet legali li kienu proprjament dovuta mill-klijenti, jigifieri mis-socjeta' konvenuta u ghalhekk it-talba kif diretta kontra l-avukati konvenuti ghandha tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba ta' l-attur fil-konfront tas-socjeta' konvenuta u b'hekk jikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' elf u disgha u sebghin lira Maltin (Lm1,079) bl-interessi mid-data ta' l-Ittra Ufficjali tas-7 ta' Marzu,

2005 u bl-ispejjez. It-talba kif diretta kontra l-avukati konvenuti qieghda tigi michuda.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------